Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 504/2003

**Mark Magri**

**vs**

**Falcar Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2003 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltija (Lm271.00) rapprezentanti Danni subiti mill-attur fuq il-=vettura tieghu tal-marka Fiat Seicento Sporting targata CBG-148 u dana minhabba illi x-xoghol maghmul mis-socjeta` konvenuta ossia mill-impjegati taghha fuq l-imsemmija vettura ma kienx wiehed skond is-sengha u l-arti hekk kif**

**tirrikjedi l-Ligi u dana hekk kif ser jipprova l-attur waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 14 ta' Jannar, 2003 u bl-imghax filwaqt li rapprezentanti u diretturi tas-socjeta` konvenuta huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-26 ta' Marzu, 2003, fejn intqal:**
**i. Illi it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghad-danni migjuba mill-attur bl-ebda mod ma huwa responsabbli l-eccipjent, u dana stante li ma hemm ebda nexus legali bejn id-danni u l-eccipjent.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Magri, Lorraine Xuereb, Jonathan Falzon, Duncan Petroni, Franco Calleja u tal-Espert Tekniku Joseph Zammit. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Ra r-rapport tal-Espert Tekniku Joseph Zammit nominat b'digriet tat-28 ta' Novembru, 2003, bi spejjez provizorjament a karigu tas-socjeta` konvenuta. B'digriet tat-8 ta' Marzu, 2005 giet revokata dik il-parti tad-digriet tat-28 ta' Novembru, 2003 dwar li s-socjeta` konvenuta kienet provizorjament responsabbli ghall-hlas tar-rapport, u gie ordnat li l-hlas tar-rapport ikun provisorjament a karigu tal-attur. Fid-19 ta' Mejju, 2005 l-Espert Tekniku halef ir-rapport.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob hlas ta' danni li skond hu garrab fil-vettura CBG-148 tal-marka Fiat Seicento, minhabba li x-xoghol ma sarx skond is-sena u l-arti.**
**2. Is-socjeta konvenuta qed tghid ma hemm ebda ness legali bejn id-danni u l-eccipjent.**
**3. L-attur xehed illi f'Dicembru, 2002 riedt jaghmel alarm u central locking ghal karozza u hada ghalhekk ghand is-socjeta konvenuta. Meta gabara u telaq, telghalu l-bonnett ma wiccu u kkawza hsara fil-**

**windscreen u fil-bonnett u dana skond ir-ritratti esebiti Dok MM1 u Dok MM2.**

**4. Jonathan Falzon ghas-socjeta konvenuta jikkonferma li l-attur kien mar ghandhom biex iwahhlulu l-alarm u li biex ghamel dan ma ghaddiex wires minn quddiem u ghalhekk ma kellux bzonn jiftah il-bonnett.**

**5. Duncan Petroni Tecnichian mas-socjeta konvenuta qal illi l-alarms jehhlu taht id-dashboard u l-bonnett qatt ma kienu jifthuh biex iwahhlu l-alarm. Fl-istess sens xhedt Franco Calleja, Shop Manager mas-socjeta konvenuta. Dawna x-xhieda kollha nnutaw li l-bonnett kellu ga daqqa meta hada ghandhom.**

**6. Skond l-espertt tekniku Joseph Zammit l-instalazzjoni kollha tas-sistema inkluza l-alarm stess kollu jinsab stallat minn fuq ir-relay minn gol fuses compartment li tinsab taht id-dashboard tal-lemin, taht lis-steering fejn imiss ma dan il-panel jinsab il-leaver li permezz tieghu jinfetah il-bonnett. L-espertt tekniku nnota li ma kienx hemm in-neccessita li jinfetah il-bonnett. Jirrileva wkoll illi l-hsara li kellha l-karozza fuq il-mudguard tal-lemin, setat effettwat is-sistema ta' l-gheluq tal-bonnett. Jirrizulta wkoll li minhabba l-hsara li kien hemm jekk il-bonnett gie miftuh dan u probabbli li ma setax jalaq sew.**

**7. Tenut kont ta' dak li ntqal ma jirrizultax illi s-socjeta konvenuta kienet tahti ghal fatt illi nfetah il-bonnett.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez inkluzi dawk tar-rapport tal-espertt tekniku kontra l-istess attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------